# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001**

**Numru 5**

**Rik. Nru. 592/97 GV**

**Anthony Frendo**

**vs**

**L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim'Ministru u l-Kummissarju dwar it-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Ir-rikors**

Ir-rikorrent Anthony Frendo b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha pproceda bis-segwenti rikors li bih impunja l-artikolu fis-sitt skeda ta' l-Att XII ta' l-1994 dwar il-VAT.

"Ir-rikorrent espona li huwa debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bin-numru ta' registrazzjoni 1041-9716;

Illi bi tlett stimi ghal perjodu taxxabbli li ghalqu fil-31 ta' Mejju, 1995, fil-31 ta' Awissu, 1995 u fit-30 ta' Novembru, 1995, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud intimat fir-rikors odjern, ghamel stimi addizzjonali tal-valur taxxabbli ta' l-esponenti, ta' l-'output tax' tat-tnaqqis u tat-taxxa addizzjonali fl-ammont skond l-iskeda hawn mehmuza u mmarkata dok. 'A'. Oltre dawn il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud qed jitlob ukoll l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi dawn l-istimi gew notifikati lill-esponenti fit-23 ta' Frar, 1996, li hassu aggravat hafna b'dawn l-istimi u xtaq jintavola appell kontra l-istimi lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan inter alia ghaliex l-ebda taxxa ghal perjodu in kwistjoni ma kienet dovuta mill-esponenti; ghall-kuntrarju kellu kreditu skond kif jirrizulta mid-denunzja tieghu bl-imghax skond il-Ligi. Dan seta' gie debitament ippruvat mill-kotba, il-kontijiet u d-dokumenti tieghu quddiem 'il fuq imsemmi Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi fid-29 ta' Mejju, 1996, inharget ittra ufficjali mill-Kummissarju tal-VAT fejn intima lill-esponenti sabiex jaddivjeni ghall-hlas dovut ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-avviz u kont fuq indikat gie rez ezekuttiv skond il-Ligi, b'mod li d-Dipartiment beda jgawdi bis-sahha tal-ligi titolu ezekuttiv kontra l-esponenti.

Illi l-esponenti ghandu dritt a tenur ta' l-artiokolu 32 ta' l-Att XII ta' l-1994 dwar taxxa fuq il-Valur Mizjud jaghmel "..........appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, nonostante cio', l-artikolu 4 tas-Sitt Skeda ta' l-istess Att, jiprovdi inter alia illi "Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba:-

(b) ma tkunx thallset it-taxxa kollha li ma hemmx kwistjoni dwarha li kellha tithallas mill-appellant; u

(c) ma jkunx thallas mhux anqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha skond dan l-appell".

Illi l-esponenti m'ghandux mezzi finanzjarji biex ihallas dawn l-ammonti kbar ta' flus halli jissodisfa l-Ligi biex ikun jista' jappella lill-Bord ta' l-Appelli minn din l-istima arbitrarja u esagerata; illi l-esponenti ghalhekk ma setghax jiehu l-passi legali sabiex

jittutela u jippromwovi l-interessi tieghu; li baqa' jikkurahom mad-Dipartiment u ma jista' qatt jigi nterpretat li rrinuncja unilateralment jew tacitament li jiehu l-passi skond il-ligi stante l-barriera finanzjarja mposta mill-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex l-esponenti jittutela d-drittijiet tieghu, kienet fic-cirkostanzi tal-kaz, insormotabbli.

Illi l-provvediment fuqi ndikat jilledi kemm id-dritt fondamentali ta' l-esponent ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol ghal Konvenzjoni Ewropeja fuq citata u dana ghas-segwenti ragunijiet.

**Dwar id-dritt tas-smiegh xieraq**, huwa ovvju illi l-access ghal tribunal indipendenti, f'dan il-kaz il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud imwaqqaf bl-Artikolu 34 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jirrivedi decizjonijiet tal-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa severament ristrett bl-imposizzjoni ta' obbligu oneruz u ngust, jigifieri dak li l-appellant irid ihallas kwart tat-Taxxa in kontestazzjoni; illi dan il-provvediment apparti li jivvjola principji generali tal-fairness f'kull process, jivvjola wkoll il-principju ta' l-equality of arms peress illi l-Kummissarju fuq indikat li huwa l-intimat f'kull kaz ta' kontestazzjoni quddiem il-Bord, jiffissa l-ammont ta' taxxa li hija dovuta anke ex ufficio, u ghalhekk jiffissa wkoll is-somma li trid tigi depozitata mieghu biex ikun jista' jsir appell kontra tieghu stess;

**Dwar id-dritt ghal godiment pacifiku tal-beni**, il-provvediment fuq indikat li jirrikjedi depozitu ta' **kwart** tat-taxxa <u>in kontestazzjoni</u> sabiex tigi kontestata it-taxxa innifisha, jammonta ghal oneru eccessiv b'mod illi l-bilanc xieraq li ghandu jinzamm bejn il-protezzjoni tad-dritt tal-proprjeta' u l-htigijiet ta' l-interess pubbliku gie disturbat b'mod ingust u minghajr proporzjon.

Ghaldaqstant l-esponenti talab lil din il-Qorti:-

(1) tiddikjara illi l-paragrafu (c) tas-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm ma' l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XII ta' l-1994) jivvjola l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 1950 resa applikabbli ghal Malta bl-Att Numru XIV ta' l-1987 u ghalhekk null u bla effett;

(2) tiddikjara wkoll illi l-istess provediment tal-ligi jivvjola wkoll l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol ghall-istess Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk ukoll null u bla effett;

(3) konsegwentement tawtorizza lill-esponent sabiex joggezzjona u jressaq il-kontestazzjoni tieghu quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex ufficio li saritlu fuq indikata minghajr il-htiega illi jiddepozita xi parti mit-taxxa in kontestazzjoni, u b'hekk tigi dikjarata nulla u bla effett l-ittra ufficjali tat-28 ta' April,1997, li rrendiet ezekuttiva l-pretensjoni tal-Kummsisarju tal-Vat kontra l-esponent;

(4) taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex jitwettqu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta ta' l-intimati a fol. 8 tal-process fejn esponew:

(1) Illi l-Onorevoli Prim Ministru ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

(2) Illi t-talbiet tar-rikorrent ma jirrigwardawx drittijiet jew obbligi ta' natura 'civili' u ghalhekk jaqghu barra l-ambitu ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

(3) Illi t-talbiet tar-rikorrent jaqghu wkoll barra l-ambitu ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea stante li l-imsemmi Artikolu ma jaghtix dritt ta' appell mid-decizjonijiet ta' l-awtoritajiet tat-taxxa u t-tehid ta' proprjeta' ghal skopijiet ta' gbir ta' taxxa huwa espressament permess bid-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-imsemmi Artikolu;

(4) Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u r-rikorrenti ma huwiex 'vittma' tad-disposizzjoni legislattiva li huwa qieghed jimpunja stante li l-istima li nharget fil-konfront tieghu kienet ragjonevoli u kienet bazata fuq ezercizzju ta' verifika;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tar-rikors. Rat l-affidavits ipprezentati. Rat in-nota ta' l-intimati.

**TALBIET**

Ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti:-

(1) tiddikjara li l-artikolu 4 (1) (c) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994 dwar il-VAT jivvjola l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

(2) tiddikjara wkoll li l-istess artikolu jivvjola l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol ta' l-istess Konvenzjoni;

(3) konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent sabiex joggezzjona u jressaq il-kontestazzjoni tieghu quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex officio li saritlu mid-dipartiment minghajr il-htiega illi jiddepozita xi parti mit-taxxa in kontestazzjoni u b'hekk tigi dikjarta nulla u bla effett l-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 1997 li rrendiet esekuttiva il-pretensjoni tal-Kummissarju tal-VAT kontra r-rikorrent;

(4) taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent".

## Risposta

L-intimati hekk irrispondew:-

"1. L-Onor Prim Ministru m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. It-talbiet tar-rikorrent ma jirrigwardawx drittijiet jew obbligi ta' natura civili u ghalhekk jaqghu barra l-ambitu ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

3. Illi t-talbiet tar-rikorrent jaqghu wkoll barra l-ambitu ta' l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni stante li l-imsemmi artikolu ma jaghtix dritt ta' appell mid-decizjonijiet ta' l-awtoritajiet tat-taxxa u t-tehid ta' proprjeta' ghal skopijiet ta' gbir ta' taxxa huwa espressament permess bid-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-imsemmi artikolu.

4. Ir-rikorrent mhux 'vittma' tad-disposizzjoni legislattiva li huwa qed jimpunja stante li l-istima li nharget fil-konfront tieghu kienet ragjonevoli u kienet bazata fuq ezercizzju ta' verifika".

**Decide**

B'sentenza tad-29 ta' Mejju, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors billi prevja li laqghet l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' l-intimati, cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Ir-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' l-intimati (ara verbal a fol 11 u 34).

**L-ewwel eccezzjoni (Prim Ministru mhux legittimu kontradittur)**.

Dwar l-ewwel eccezzjoni l-intimati qed jissottomettu li l-materja hi regolata mill-artikolu 181B tal-Kap 12.

Din il-ligi tipprovdi dwar min ghandu jirrapprezenta lill-Gvern fl-atti u fl-azzjonjiet gudizzjarji. Imbaghad f'dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kotnra xi wiehed minn dawn il-persuni l-att jew azzjoni gudizzjarja ghandha tigi diretta kontra l-Avukat Generali.

Ghalhekk f'dana l-kaz il-Prim Ministru ma kellux ghalfejn jiddahhal fil-kawza billi l-kawza saret kontra l-Avukat Generali u l-Kap tad-Dipartiment koncernat a tenur ta' l-Artikolu 181B konsegwentement il-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur.

**It-tieni eccezzjoni (drittijiet u obbligi civili)**

Fit-tieni eccezzjoni l-intimati qed isostnu li kwistjonijiet fiskali jaqghu barra mill-ambitu ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-ens li hawn mhux qed itkellmu dwar drittijiet "civili". Huma rriferew ghal diversi kazijiet tal-Kummissjoni Ewropeja (ara nota ta' osservazzjonijiet).

Ir-rikorrent qed isostni li minhabba l-provvediment tal-ligi tal-VAT hu mhux se jinghata smiegh xieraq u ma hemmx equality of arms.

Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti tirreferi ghal kawza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Lulju, 1994 fl-ismijiet Joseph Busuttil noe vs Prim Ministru u l-Kontrollur tad-Dwana fejn dik il-Qorti fost affarijiet ohra qablet illi hu generalment accettat illi l-espressjoni "drittijiet u obbligi civili" ma tkoprix ligijiet fiskali. Imbaghad marret biex tiddistingwi bejn id-dritt privat u d-dritt pubbliku. Il-Qorti ta' l-Appell qalet:

"The Commission has in general taken a rather restrictive position where the legal relations were those between an individual and the public authorities. Its decisions that proceedings concerning taxation, social security contributions and social benefits are not covered by article 6 (1) can be accepted as correct without much difficulty, since in such cases the public law character of the obligation concerned predominates".

Il-Qorti kompliet hekk:

"Jidher li d-distinzjoni bazilari bejn id-dritt pubbliku u d-dritt privat tiddetermina jekk id-drittijiet u obbligi taht ezami ghandhomx jigu kkwalifikati bhala "civil rights and obligations". Meta d-dritt privat jipprevali allura hu accettat illi l-artikolu 6(1) ghandu japplika anke fil-konfront ta' l-amministrazzjoni pubblika".

Fl-istess sens kitbu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Covention on Human Rights 1995 pag. 183:

Decisions determining a person's liability to pay tax have long been regarded by the Commission as a matter of public law. (X v. FRANCE No. 9908/82, 32DR 266(1983). Cf S and T v Sweden Nol 11189/84, 50 DR 121 (1986). In Schouten and Meldrum v Netherlands (9/12/94) a chamber of the Court did, obiter dicta, take a stance on the matter, confirming the

Commission's position concerning obligations arising under tax legislation. It indicated that some pecuniary obligations vis-a-vis the state are 'to be considered as belonging exclusively to the realm of public law and are accordingly not covered by the notion of "civil rights and obligations". It mentioned as obligations that would thereby be excluded from Article 6 criminal law fines and cases where the obligation 'derives from tax legislation or is otherwise part of normal civil duties in a democratic society".

Illi fil-kaz in ezami t-talba tal-Kummissarju dwar it-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ghall-hlas tat-taxxa mir-rikorrent hija wahda purament fiskali u ghandha x'taqsam essenzjalment mad-dritt pubbliku.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati qed tigi milqugha.

**It-tielet eccezzjoni (Dritt ta' proprjeta')**

Ir-rikorrent qed isostni inoltre li l-istess artikolu ta' l-Att 12 ta' l-1994 jivvjola wkoll l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol ta' l-istess Konvenzjoni billi qed johloq oneru eccessiv fuq ir-rikorrent u gie disturbat b'mod ingust u minghajr proporzjoni l-bilanc li ghandu jkun hemm bejn il-protezzjoni tad-dritt tal-proprjeta' u l-htigijiet ta' l-interess pubbliku.

Fuq dana l-punt l-intimati ssottomettew li l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ma jaghtix dritt ta' appell mid-decizjonjiet ta' l-awtoritajiet tat-taxxa u t-tehid ta' proprjeta' ghal skopijiet ta' gbir ta' taxxa huwa espressament permess bid-disposizzjonjiet tat-tieni paragrafu ta' l-imsemmi artikolu. Dan l-artikolu jipprovdi li:

Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.

The preceeding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.

L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick op. Cit. Pag. 537 jiktbu hekk fuq dana l-artikolu.

> Article 1/2 concedes a practically unlimited power on states "to enforce such laws as it deems necessary to secure the payment of taxes or other contirbutions of penalites'. Because the powers of the state under this provision are very wide, it is a matter of significance whether an interference with the enjoyment of possessions falls within it or not. The fair balance will require procedural guarantees to establish the applicant's liability to make the payments but the state is largely unconstrained about the level of taxation, the means of assessment and the manner of exaction to fulfil those liabilities......The Commissions has said that a taxation scheme may 'adversely affect the guarantee of ownership if it places an excessive burden on the taxpayer or fundamentally interferes with his financial position. However, the state's power of appreciation is wide and it would be an exceptional case indeed where the institutions would declare a tax programme contrary to the Convention (Darby vs Sweden 1990).
>
> Fil-kaz in ezami r-rikorrent jista' jappella quddiem il-Bord ta' l-Appelli dar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Inoltre x-xhieda mid-dipartiment spjegaw kif huma waslu ghall-assessment li ghamlu u li ma jistax jinghad li dak li ghamlu hu "devoid of reasonable foundation". In vista tal-wide power of appreciation li ghandu l-istat il-Qorti tikkonkludi lif'dana l-baz baqa' bilanc bejn l-interess pubbliku u l-protezzjoni tad-dritt tal-proprjeta'.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza <u>b'aggravju</u> li jista' jigi hekk identifikat.

1. Id-dritt ta' smiegh xieraq kellu jigi osservat f'kull tip ta' procedura u dan sabiex fi kwalunkwe cirkostanza l-individwu jkun protett. Konsegwentement il-fatt li l-kwistjoni taqa taht l-ambitu pubbliku ma

kellhiex tippregudika d-dritt illi l-jeddijiet fondamentali ta' l-individwu jigu kalpestati taht il-paraventu ta' l-interess pubbliku.

2. Il-fatt illi ma ssirx kontestazzjoni kien ifisser li l-istima ssir dovuta, bil-konsegwenza li l-kontribwent jigi espost ghal proceduri kriminali kontra tieghu, kif fil-fatt gara.

3. Certament tezisti diskriminazzjoni manifesta bejn il-mezzi tad-dipartiment u dawk ta' l-appellant, billi dan ta' l-ahhar kien obbligat ihallas depozitu qabel ma jkun jista' jappella. Dan zgur kien poggih fi zvantagg enormi fil-konfront tad-Dipartiment koncernat. Dan specjalment meta wiehed jikkonsidra l-fatt li d-depozitu kien intrinsikament marbut ma' l-istima maghmula mill-istess Dipartiment.

4. Il-barriera tad-depozitu preventiv zgur ma kienx mezz sabiex jigu evitati appelli b'kapricc. Dan ghaliex il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi kif setghu jigu evitati appelli frivoli. Il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-protezzjoni tad-dritt ta' proprjeta' kien disturbat b'mod evidenti mill-prekondizzjoni li l-appellant kien obbligat li jaghmel bilfors depozitu ta' 25%.

<u>Fir-risposta</u> taghhom l-intimati jsostnu dak li rribadew quddiem l-ewwel Qorti illi t-talbiet tar-rikorrent ma kienux jirrigwardaw drittijiet u obbligi ta'

natura civili u kellhom ghaldaqstant jibqghu barra l-ambitu ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Bil-proceduri skond ir-regolamenti vigenti r-rikorrent appellant xorta kellu access rejali u effettiv lejn Tribunal imparzjali. Ma kienet tezisti l-ebda diskriminazzjoni bejn id-Dipartiment u r-rikorrent appellant stante li l-istimi li jsiru mid-Dipartiment ma jsirux b'mod arbitrarju kif fil-fatt ikkostatat u kkonfermat fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, izda jintalab mill-kontribwent dak li hu gustament dovut lejn l-Istat skond il-ligi. Ma kienetx allura attendibbli r-riferenza ghall-ksur tal-principju ta' l-"equality of arms". Ir-rikorrent ma kienx qed jitqieghed, kif jallega hu, fi zvantagg enormi fil-konfront tad-Dipartiment tal-Vat. Certament ma kienux qeghdin jigu komputati stimi bl-ghan li jipprevenu appelli minn decizjonijiet amministrattivi u dwar dan ma ngiebet l-ebda prova.

Fir-rigward ta' l-aggravju l-iehor ta' l-appellant li jirrigwarda l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-intimati jirribadixxu illi l-mertu jittratta dwar kwistjoni fiskali u mhux dwar drittijiet civili. L-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni kien jaghti l-opportunita' lill-Istat li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' biex jassigura l-hlas tat-taxxi.

Din il-Qorti hi tal-fehma li dan it-tieni aggravju hu ta' facli spedizzjoni. It-tieni paragrafu ta' l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protocol espressament

jipprovdi li d-dritt ta' kull persuna ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha "shall not however in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes  or other contributions or penalties".  "A broad margin of appreciation  also applies in the case of the second restriction in the second paragraph – securing the payment of taxes or other contributions and penalities – for which it does not even seem to be required that the national measure is "in accordance with the general interest".  Thus the power of the national authorities to levy taxes, to impose penalties, (with due observance of article 7) to make social security contributions compulsory and to impose other levies, is left intact as long as there exists a legal basis for them.  No discrimination is involved if the power is not used for a purpose other than that for which it has been conferred".  (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, Van Dijk vs. G.J.H. Van Hoof, 2nd Edition, p. 454 et seq.)

Din il-Qorti ma tarax kif il-fatt illi l-appellant kien qed jigi mitlub jaghmel depozitu bhala prekondizzjoni biex  jezercita d-dritt ta' l-appell mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli kien jinkwadra ruhu fid-dritt fondamentali ghad-dgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu.  Bizzejjed jinghad li dan id-depozitu jkun pjenament rifondibbli jekk jirrizulta illi  d-decizjoni tal-

Bord ta' l-Appelli kienet wahda skorretta, fis-sens li l-ebda taxxa jew parti minnha ma kienet dovuta. Il-Qorti ma tarax allura kif dan il-fatt biss tad-depozitu seta' jigi kwalifikat bhala privazzjoni tal-possedimenti. Dan apparti l-fatt illi l-imposizzjoni tar-rekwizit ta' depozitu – dejjem jekk jirrizulta validu taht aspetti ohra, inkluz l-aggravju l-iehor sollevat mill-appellant - ma setghax ma jitqiesx bhala mizura bid-dritt mehuda mill-Istat "to enforce such laws as it deems necessary...................to secure the payment of taxes...........". F'kull kaz allura ma jirrizultax gustifikat l-aggravju illi d-depozitu li l-appellant gie mitlub jaghmel biex jikkontesta t-taxxa determinata mid-Dipartiment kien fih innifsu jivvjola d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif protett mill-Konvenzjoni Ewropeja.

Hu pero' l-ewwel aggravju, dak cioe' illi jilmenta minn vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-pregudizzju ghall-jedd fondamentali ta' smiegh xieraq li jidher li jimmerita aktar attenzjoni.

Din il-Qorti tirrikjama l-attenzjoni ghall-konsiderandi fis-sentenza appellata dwar dan l-aggravju u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

1. Dawn il-konsiderandi huma certament kollha validi u ghandhom applikazzjoni preciza inkwantu kemm il-gurisprudenza nostrana u wkoll dik ta' l-organi gudizzjarji ewropej, jikkunsidraw illi l-impozizzjoni u l-hlas

tat-taxxa mill-Istat kienet essenzjalment oneru purament fiskali. Konsegwentement kienu obbligi li ma kellhomx jigu kwalifikati bhala "civil rights and obligations", inkwantu dawn kienu meqjusa bhala materja ta' dritt pubbliku. "Although the scope of "Civil rights and obligations" under art. 6 (1) is quite broad, there are nevertheless some issues that do not fall within its protection..........These matters are normally considered to be primarily of a public law character, unless the applicant can show that another right under the Convention is implicated.......Art. 6 (1) does not apply to disputes over access to employment, promotion in or dismissal from the Civil Service or other types of public employment. Nor does it apply to disputes over taxation". (Law and Practice of the European Convention of Human Rights and the European Social Charter, Gomien, Harris and Zwaak, p. 177 et seq.)

2. Il-garanziji kostituzzjonali ghal smiegh xieraq ma kienux allura japplikaw fir-rigward ta' l-agir ta' l-Istat biex jimponi u jesigi t-taxxi. Mill-banda l-ohra fl-ezercizzju tad-dritt sovran li jimponi t-taxxi u jezigi l-hlas taghhom l-istat kellu josserva l-harsien ta' jeddijiet ohra, fosthom ukoll uhud protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, inkluz dak li jkun hemm bazi legali ghalihom, li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li jkunu utilizzati ghall-iskop li ghalih l-Istat ikun inghata l-poter li jezigihom.

Minn dan tohrog necessarjament il-konkluzzjoni illi ma jfissirx illi in materja ta' tassazzjoni, il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-operat ta' l-Istat hi kompletament ezawtorata. Dan ghaliex hemm materji ohra li jirrigwardaw anke l-jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta' smiegh xieraq illi kien jinkombi fuq l-Istat li josserva l-harsien taghhom u li kellhom allura jkunu gustament soggetti ghall-verifika minn din il-Qorti.

3. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni li, filwaqt illi l-Qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-impozizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux l-jedd illi jkollu l-mezz ta' verifika biex jassigura illi dik il-ligi tkun giet, fil-konfront tieghu, sewwa applikata. Dan l-istess ligi tal-Vat taht ezami tikkonsidrah. Tant hu hekk illi tipprovdi fiha nfisha l-mekkanizmu kif jigi assigurat illi l-Kummissarju tal-Vat ikun jamministra l-ligi fil-konfront tac-cittadin korrettement. Dan propju biex jigi assikurat illi c-cittadin ihallas dak li kien minnu dovut u xejn aktar. L-Att allura jipprovdi kemm ghad-dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli, kif ukoll f'certi kazijiet, ghad-dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Kien ghalhekk li fl-art. 34 ta' l-Att taht ezami twaqqaf Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jistghu isirulu fir-rigward ta' l-istimi u hwejjeg ohra li ghalihom inghata d-dritt ta' appell. Inoltre fl-art. 36 hemm provdut ukoll li kull persuna li wara li tkun ghamlet appell quddiem il-Bord thoss ruhha

aggravata b'decizjoni ta' dak il-Bord, tista' taghmel appell minn dik id-decizjoni ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq kull punt ta' ligi biss. L-istess jedd inghata lill-Kummissarju.

4. Issa m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi dawn id-disposizzjonijiet joholqu favur, kemm il-kontribwent kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Mizjud, il-jedd ta' access ghal Tribunal kawzi gudizzjarju u gudizzjarju biex jigi stabbilit jekk il-Ligi li kienet taghti d-dritt lill-Kummissarju li jimponi u jesigi t-taxxa, kienetx sewwa minnu mharsa. Dan id-dritt ta' access ghall-organi li jamministraw il-gustizzja huwa dritt privat tac-cittadin daqs kemm hu dritt tal-Kummissarju u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta' dawn il-processi kienu u kellhom ikunu applikabbli l-garanziji kollha ghal smiegh xieraq skond kif stabbilit fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u fl-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni.

5. L-Istat allura seta' ma kellux l-obbligu li bilfors jipprovdi dawn il-mezzi ta' kontroll fuq l-operat ta' l-amministrazzjoni tal-ligi tat-taxxa bil-holqien ta' dawn l-istrutturi u bl-ghoti ta' dan il-jedd ta' access ghal Tribunali bil-gurisdizzjoni li jindagaw u jiggudikaw il-materji mhollija fil-kompetenza taghhom, pero' una volta ghazel li hekk jaghmel, kellu necessarjament jassoggetta ruhu ghal-ligi u, tramite l-applikazzjoni tar-

regoli u principji ta' smiegh xieraq, jassigura l-amministrazzjoni tal-gustizzja anke f'materja ta' tassazzjoni.

6. F'dan ir-rigward allura din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ma kkonsidratx il-mertu minn dan l-aspett. Mertu li essenzjalment kien jirrigwarda mhux l-imposizzjoni tat-taxxa u l-ezigibilita' taghha, imma l-verifika gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja mill-organi statutorjament fdati b'din il-kompetenza dwar jekk it-taxxa li il-kontribwent kien gie ordnat ihallas kienetx wahda gusta jew le skond il-ligi. Dan iwassal lill-Qorti biex tikkonsidra l-mertu proprju tar-rikors, u cioe', jekk il-limitazzjoni fuq id-dritt ta' appell maghmula fl-art. 4 tas-Sitt Skeda ta' l-Att Nru. XII ta' l-1994 kienetx wahda kostituzzjonalment ritwali. Dan il-provvediment jipprovi, inter alia, illi (1) appell kontra stima <u>ma jkunx validu</u> kemm-il darba ..............(c) ma jkunx thallas anqas minn 25% tat-taxxa <u>li jkun hemm kwistjoni dwarha skond dak l-appell</u>". Fil-kaz in ezami infatti, l-appellanti ntavola appell mill-istimi, izda ma kellux il-mezzi finanzjarji sabiex jissodisfa din il-kundizzjoni. Konsegwentement l-appell tieghu ma setghax jinstema', u l-ammont kontenut fl-istimi sar dovut lid-Dipartiment. Jigi notat illi dan is-subinciz (c) ma jezigix depozitu ta' taxxa mhux kontestata, imma depozitu ta' parti minn taxxa <u>illi kienet ghadha kontestata</u> u li dwarha ikun qieghed isir appell. Kjarament ma kien hemm xejn x'josta kondizzjoni illi

kontribwent ma jkollux dritt ta' appell qabel ma jhallas dik it-taxxa li ma tkunx in kontestazzjoni.

Jigi notat ukoll illi n-nuqqas ta' depozitu skond din id-dispozizzjoni tirrendi l-appell <u>mhux validu</u>, u allura tichad l-access ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja propju minhabba c-cirkostanza illi min jixtieq jappella skond dritt lilu moghti mil-Ligi biex jikkontesta l-hlas ta' taxxa fuqu imposta, ikun qieghed jigi mcahhad minn dak id-dritt proprju ghaliex ma jhallasx parti sostanzjali minn dak li l-istess ligi taghtih il-jedd li jikkontesta. Proposta f'dawn it-termini d-disposizzjoni tidher li hi inikwa u anti guridika. Hi disposizzjoni li mhux biss tpoggi lill-Kummissarju f'posizzjoni ta' zvantagg indebitu fil-konfront tal-kontro-parti, li huwa l-kontribwent fil-process gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju, imma wkoll tirrestringi u tichad indebitament l-access ghat-Tribunal lil dawk li ma kienux f'posizzjoni li jhallsu parti sostanzjali minn taxxa li huma jikkontestaw u li kellhom bil-ligi l-jedd li jikkontestaw, u tirrizerva dak id-dritt biss favur min seta' jhallas. Dana meta kien aktar minn car illi d-Dipartiment tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud kellu ghad-dispozizzjoni tieghu mezzi ohra biex jassigura li sewwa jikkawtela ruhu ghall-hlas ta' dak li kien gustament lilu dovut anke pendenti l-procedura ta' kontestazzjoni ta' l-istimi. Il-Qorti tinnota li d-depozitu rikjest fl-art. 4 tas-Sitt Skeda ta' l-istess Att kien impost bhala kondizzjoni ghall-validita' ta'

l-appell u mhux bhala xi forma ta' garanzija ghall-ispejjez ta' dak il-process.

Din il-Qorti ma tarax tant rilevanti r-riferenzi li ghamel l-appellant ghal dawk id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw l-appelli frivoli u vessatorji. Jekk xejn ghaliex dawn il-provvedimenti jistghu jkunu utili u applikabbli fl-eventwali rikors quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-termini ta' l-istess Att XII ta' l-1994, pero' certament ma kienux applikabbli fir-rigward ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli. Jibqa' pero' ferm il-principju illi, una volta l-ligi kienet ipprovdiet id-dritt ta' access ghal Tribunal biex jigi verifikat l-operat amministrattiv fil-konfront tieghu, tali dritt kellu jkun accessibbli b'mod uniformi ghal kulhadd b'mod ragonevoli u non diskriminatorju. Hu risaput illi l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ma kienux jesigu necessarjament l-ghoti ta' dritt ta' appell f'kull cirkostanza, pero' una volta tali dritt jinghata, ir-regoli ta' smiegh xieraq, inkluz allura l-accessibilita' ghat-Tribunal, kellhom jiggvernaw il-process fi stadju ta' appell. Dan sal-punt illi kellu wkoll jigi assigurat illi l-individwu jkollu l-opportunita' ta' difiza shiha anke tramite assistenza regolari u opportuna, fejn dan huwa applikabbli.

Isir allura rilevanti s-segwenti taghlim gurisprudenzjali:

"(a) The right of access means access in fact as well as in law.............as the ruling in the Golder Case also indicates the right is a right of effective access to the Courts..........The Court rejected the defendant Government's arguments that the right of access to a Court does not impose positive obligations upon states, particularly ones with economic consequences for the State, such as that to provide Legal Aid;

(b) As well as the absence of Legal Aid, the high cost of civil proceedings may be such as to infringe the right to effective access to the Courts". ("X and Y vs. Netherlands", 1975 and "X vs. U.K.", 1980. These cases refer to lawyers' fees as well as the costs of proceedings. As to deposit for security for costs, see "X vs. Sweden", 1979);

(c) The right of access to a Court is not an absolute one. Restrictions may be imposed since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State. Regulation which may vary in time and place according to the needs and resources of the community and of individuals". ("Golder vs. U.K.", 1975).

Dawn ic-citazzjonijiet mit-text "Law of the European Convention of Human Rights" (Harris, Boyle & Warbrick, p.196 et seq. ) jissenjalaw uhud mill-principji fir-rigward ta' l-access tat-Tribunal rilevanti ghall-kaz

taht ezami. Issenjalaw, b'mod partikolari, fl-ewwel lok, il-principju li l-jedd ta' access, meta moghti, ma kellux ikun pregudikat b'restrizzjonijiet finanzjarji eccessivi li in effetti jichdu dan id-dritt jew jillimitawh b'mod inaccettabbli f'socjeta' demokratika. Hekk fil-fehma ta' din il-Qorti hu l-provvediment taht ezami. Ghal din ir-raguni u wkoll in kwantu l-imposizzjoni tal-kondizzjoni ta' depozitu daqstant rilevanti saret bhala pre-kondizzjoni ghall-validita' ta' l-appell, dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati (in kwantu minn din id-decizjoni ma sar l-ebda appell) kif ukoll fejn cahdet it-tieni talba tar-rikorrenti, billi l-artikolu 4 (1)(c) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994 dwar il-VAT ma jivvjolax l-ewwel art. ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, u billi qed tirrevoka s-sentenza appellata ghall-kumplament.

Din il-Qorti ssib illi l-ewwel subartikolu subinciz (c) ta' l-art. 4 tas-Sitt Skeda ta' l-Att nru. XII ta' l-1994 jivvjola l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem reza applikabbli ghal Malta bl-Att Nru. XIV ta' l-1987. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija dispozizzjoni ta' l-Att Nru. XII

ta' l-1994 bhala nulla u bla effett u ghalhekk tilqa' l-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti kif dedotti.

Tiddekreta li l-ispejjez tal-proceduri kellhom ikunu a karigu ta' l-appellati u tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti biex jaghraf jirregola ruhu dwarha skond il-ligi u senjatament kif provdut fl-artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dep/Reg

mm